Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 62

Data tal-laqgħa: 25 ta' April 2019

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Andre' Grech – Viċi Sindku
Desmond Zammit Marmara' – Kunsillier
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Daniel Muscat Caruana – Kunsillier

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 62.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

62.1.1 Is-SE qrat l-ittra ta` apoloġija tal-Kunsillier Daniel Muscat Caruana fejn infurma li ma setax jattendi għal-laqgħa. Il-Kunsilliera preżenti unanimament aċċettaw l-ittra ta` apoloġija.

## 62.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 61

62.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-Laqgħa Numru 61. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

62.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament.

## 62.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

62.3.1 <u>Para 61.9.2 - *EuroMed Regional Congress* 2019</u>
Is-SE infurmat li, l-Kunsill ma pparteċipax għal dan il-kungress għax ma nstabitx ġurnata tajba għal partijiet kollha, meta tista' tiġi organizzata l-attivita' fl-Iskola ta' San Alwiġi. Apparti minn hekk, EGEA qed jinfurmaw lit-talks edukattivi li ser jagħmlu fl-Iskola Primarja Lija/Balzan/Iklin mhux ser ikunu miftuħa għal studenti Balzanin peress li l-Kunsill ma pparteċipax fil-kungress.

62.3.2 <u>Para 61.9.3 - *One-Way System* fi Triq Annibale Preca u Triq il-Kunċizzjoni, Ħal Lija</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li saret laqgħa bejn it-tliet Kunsilli kkonċernati u uffiċjali ta' TM fuq din il-kwistjoni. Waqt din il-laqgħa ġie deċiż li l-*One-Way System* tiġi sospiża sakemm isiru aktar diskussjonijiet. Sadanittant, TM ser ikunu qed jagħmlu studju fuq kif ser jiġu affetwati t-toroq tal-madwar jekk tiġi implimentata din is-sistema.

## 62.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

62.4.1 <u>Tabella fi Triq Idmejda k/m Triq Kardinal Cardijn</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill li vetturi li jkunu deħlin minn Triq il-Kardinal Cardijn qed iduru għal Triq Idmejda għax it-tabella tan-*No Entry* ma tidhirx u għalhekk hemm bżonn li teħel tabella oħra aktar il'ġewwa mal-ħajt tas-sejjieħ tal-għalqa.

62.4.2.1 <u>Nies suspettużi fi Triq Sisner</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill li żewġ residenti minn Triq Sisner raw tlieta min-nies suspettużi, jieħdu ritratti tad-djar tagħhom. Ir-residenti nfurmawh li għandhom filmati u anke ritratti ta' dawn in-nies u li kien ser isir rapport mal-pulizjia għax qed jibżgħu li qed jippjanaw li jagħmlu xi serqa. Ir-residenti qed jitolbu l-protezzjoni tal-Kunsill. Kif ir-residenti jagħmlu r-rapport l-għassa, il-Kunsill ser jikteb lill-Maġġur biex isiru aktar *patrols* tal-akwati.

62.4.2.2 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' qal li darba kienet se ssir in-*neighbourhood watch* pero' ma kinitx irnexxiet għax ħadd ma kien offra li jkun parti minnha. Issuġġerixxa li tiġi diskussa fil-leġislatura li jmiss, biex forsi jinstabu voluntiera biex titħaddem in-*neighbourhood watch.*

## 62.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

62.5.1 Il-Viċi Sindku Andre' Grech infurma lill-Kunsill li dwar il-kwistjoni tal-ġabra tal-borża s-sewda ta' nhar ta' Tnejn kien kellem lill-Onor. Jason Azzopardi biex jagħmel Mistoqsija Parlamentari peress li l-Kunsill ilu jistenna approvazzjoni biex ikunu nistgħu inżidu l-ġabra tal-borża s-sewda nhar ta' Tnejn, mill-bidu ta' Novembru 2018. Għal din il-PQ, il-Gvern wieġeb li biex dan isir, jeħtieġ tibdil fil-liġi. Il-Viċi Sindku qal li t-talba tagħna qiegħda fil-proċess biex tiġi diskussa fil-Parlament. Qal ukoll, li din il-kwistjoni ħadha f'idejh l-Onor. Robert Cutajar u ser jipprova jgħaġġel il-proċess biex tiġi diskussa malajr kemm jista' jkun. Il-Kunsillier Joe Galea ser

ikellem lill-Onor. Dr Jose' Herrera dwar din il-kwistjoni.

## 62.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

62.6.1.1 Aġġustamenti proposti mill-Udituri tal-Gvern għar-Rapport Finanzjarju għas-sena 2018
Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2018 kif emendat wara li sar l-*Audit*. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* tal-Kunsill, is-Sur Mark Debono, kien preżenti u ta spjegazzjoni dettaljata fuq l-aġġustamenti li ġew proposti mill-Awdituri.

62.6.1.2 L-*accountant* qal li din is-sena kellhom jiġu implimentati struzzjonijiet maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali f'Direttiva Numru 1/2017 - *Accounting Treatment* ta' Assi Fissi (*Non-Current Assets*). Dawn jinkludu tibdil fil-metodu tad-*depreciation* u *Government Grants*.

62.6.1.3 L-*accountant* spjega kif dawn il-bidliet, speċjalment il-bidla fil-metodu tad-*depreciation,* affettwaw drastikament ir-rapport tad-dħul u l-ħruġ peress li, skond kif indikaw l-awdituri, għal din is-sena biss, kellu jiġi mgħoddi l-ammont ta' €151,636 bħala *depriciation,* u għalhekk irriżulta f'*deficit* ta' €125,123. L-*accountant* qal li, għalkemm din is-sena iriżulta f'*deficit,* il-Kunsill jinsab f'qagħda finanzjarja tajba ħafna, infatti ir-Rapport Finanzjarju għat-tlett xhur minn Jannar sa Marzu 2019, irriżulta f'FSI ta' 106%. Ferm aktar mill-minimu permess ta' 10%.

62.6.1.4 Il-Kunsill approva dan ir-rapport unanimament.

62.6.2.1 Rapport Finanzjarju għat-tlett xhur minn Jannar sa Marzu 2019
Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għat-tlett xhur minn Jannar sa Marzu 2019. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* ta xi spjegazzjonijiet lill-Kunsill.

62.6.2.2 Ir-rapport ġie approvat unanimament.

62.6.3.1 *Tender for the Services of an Accountant and Accounting Technician for the Ħal Balzan Local Council* – BLC 07/2018 - Aġġudikazzjoni
Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport kif ukoll il-Minuti tal-Evalwazzjoni tat-*Tender for the Services of an Accountant and Accounting Technician for the Ħal Balzan Local Council* – BLC 07/2018. Kopja ta` dawn ingħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

62.6.3.2 Il-Kunsill unanimament qabel li jilqa` ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni li għandha tingħażel l-irħas offerta konformi kemm fil-parti Amministrattiva, kif ukoll fil-parti Teknika taż-żewġ *Lots* u għaldaqstant dan ir-rapport kif ukoll il-minuti ġew approvati.

## 62.7 Applikazzjonijiet dwar kjoskijiet li jarmaw fil-festa

62.7.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed il-*file* bl-applikazzjonijiet li rċieva l-Kunsill minn persuni li jixtiequ jarmaw kjoskijiet fil-festa u skeda bid-dettalji tal-applikazzjonijiet li rċevejna.

62.7.2 Il-Kunsill unanimament approva l-applikazzjonijiet kollha.

## 62.8 *Bye-Law* dwar kontroll tal-ħamiem

62.8.1 Ġiet innutata l-kjarifika tal-avukat tal-Kunsill fuq iż-żewġ punti li ġew imsemmija fil-laqgħa li għaddiet u peress li m'hemmx bżonn li jiġu inklużi fil-*bye-law,* is-Sindku talab lis-SE sabiex tipproċedi bil-*bye-law* proposta fil-laqgħa li għaddiet. Il-Kunsill unanimament approva li jibqa' għaddej il-proċess bid-dokument propost fil-laqgħa li għaddiet.

## 62.9 Toroq li se jsiru minn *Infrastructure Malta*

62.9.1.1 Triq Idmejda
Ġiet innutata l-korrispondenza bejn l-Inġ. Fredrick Azzopardi u s-Sindku dwar it-toroq li l-Kunsill talab biex isiru minflok dawk imħabbra minn *Infrastructure Malta* (IM). L-Inġ. Azzopardi l-ewwel ikkonferma li l-flus li

kienu se jiġu investiti imħabbra, jiġu investiti fi triq jew toroq oħra imma mhux ser jinqabeż l-ammont.

62.9.1.2 Wara din l-*email,* is-SE talbitu konferma jekk it-toroq li ġew magħżula mill-Kunsill ġewx aċċettati u li ser isiru minflok it-toroq imħabbra minn IM. L-Inġ. Azzopardi filwaqt li kkonferma, qal li ġie infurmat li meta saret Pjazza Bertu Fenech mill-Kunsill, din ħolqot mgħaqad fi Triq Idmejda bil-konsegwenza li l-ilma ma jaqlibx lejn il-pjazza u talabna ninfurmawh xi pjan għandu l-Kunsill ta' kif ser tissolva l-problema biex meta jiġu biex jagħmlu t-tarmac, ma jħallux dan il-mgħaqad fin-nofs.

62.9.1.3 Dwar dan is-Sindku infurmah li, il-ħsieb hu li meta jinbidel il-*main* tal-ilma ta' Triq Idmejda, isir *culvert* għall-ilma tax-xita li jgħaddi minn Triq Kardinal Cardijn u jaqbad mal-*culvert* li hemm fi Triq Birbal u li ma' dan il-proġett isiru l-bankini u *tarmac* ukoll.

62.9.1.4 L-Inġ. Azzopardi qal li, importanti li bħala kunsill jirranġa l-problema li ħoloq u li ma kienetx teżisti qabel ma' saret il-pjazza. Semma wkoll li mhux ser jidħlu fl-*issues* legali li hemm għaddejjin bejn il-Kunsill u residenti. Infurmana wkoll li, IM mhux ser jintervjenu fuq din it-triq qabel ma tissolva l-problema.

62.9.1.5 Dwar dan is-Sindku staqsih dwar kif wasal għal din il-konklużjoni. Dan għaliex meta madwar sentejn ilu, perit mit-TM żar iż-żona u kkonferma li Triq Idmejda niżlet u taqleb ħażin. Apparti minn hekk, is-Sindku infurmah li t-triq xorta trid tinqala' biex jinbidel il-*main* tal-ilma mill-WSC. Għalhekk, idealment isir proġett wieħed.

62.9.1.6 L-Inġ. Azzopardi infurma li kieku l-problema hija minħabba li niżlet it-triq, allura jekk tittranġa triq il-problema tissolva, imma minn *survey* li jidher li sar mill-perit tal-Kunsill jirriżulta li biex tissolva problema li nħolqot wara li saret il-pjazza, għandu jsir *culvert* li qabel qatt ma kien hemm bżonnu.

62.9.1.7 Jidher ċar mill-korrispondenza mibgħuta, lid-deċiżjoni li ttieħdet minn IM, saret a bażi tal-messaġġ li twassal mir-resident li oriġanarjament l-ilment tiegħu kien dwar ilma bis-sadid. Ir-resident qed jinsisti li biex ma jibqax iżomm ilma, trid tinqala' l-bankina l-wiesgħa tan-naħa tal-HSBC, li ovvjament dan ma jistax isir għax il-pjazza saret minn Fondi Ewropej.

62.9.1.8 Is-Sindku qal li minn *survey* li kien sar minn TM, irriżulta li Triq San Valentin u Triq Sisner jeqilbu għal Triq Idmejda quddiem il-Kunvent tal-Bon Pastur, u għalhekk iżomm ħafna ilma quddiem il-Kunvent. Dan m'għandu x'jaqsam xejn max-xogħlijiet li kienu saru fil-pjazza. Jekk IM ma jridux jaqdu lir-resident, dawn għandhom jaqbdu u jgħidulu li ma jridux jagħmlu t-triq u mhux isibu skuża u jwaħħlu fil-Kunsill għax ovvjament il-Kunsill m'għandux fondi biex jagħmilha. Is-Sindku qal li, peress li l-problema ta' din it-triq hija waħda kbira għax irid jinbidel il-*main* tal-ilma, isiru *culverts* u jsir *tarmac* ġdid, il-Kunsill lest li, jċedi l-fondi allokati minn IM għal tliet toroq, biex issir din it-triq biss.

62.9.1.9 Jekk ir-resident ikompli jallega li l-problema nħolqot meta saret il-pjazza, ir-resident għandu jqabbad perit għas-spejjeż tiegħu, biex iħejjilu rapport u jiċċertifika l-allegazzjoni tiegħu li x-xogħol tal-pjazza kien sar ħażin għax kieku vera sar xogħol ħażin, il-perit tal-Kunsill li ħadem fuq dan il-proġett, żgur li ma kienx ser jiċċertifika x-xogħol. Apparti min hekk, fuq it-toroq kollha li qed isiru minn IM, żgur li mhux qed isir studju biex jaraw jekk kienx sar xogħol ħażin qabel, fuq Triq Idmejda biss inqalgħet din il-kwistjoni u għalhekk din l-allegazzjoni qed tintuża bħala skuża minn IM biex ma ssirx it-triq.

62.9.2.1 <u>Triq il-Ferrovija l-Qadima</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill li IM bagħtulna l-*locations* ta' fejn qed jiġi ssuġġerit li jitpoġġew 2 *zebra crossings* fit-triq fuq insistenza ta' CRPD. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li joġġezzjona li jsiru. Dan għaliex, il-wisa' ta' din it-triq hija daqs numru kbir tat-toroq fil-lokalita', fejn m'hemm l-ebda *zebra crossing* fihom u għalhekk il-Kunsill ma jarax il-ħtieġa li jsiru. Apparti minn hekk f'din it-triq m'hemmx ħwienet, ħlief xi tnejn, u għalhekk, dawn iż-*zebra crossings* l-anqas hemm bżonnhom għax rari jkun hemm il-ħtieġa li wieħed jaqsam it-triq. Ir-residenti wkoll qed joġġezzjonaw, infatti ġabru petizzjoni li ntbagħtet lill-IM.

62.9.2.2 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li IM qed jeżiġu li jingħalaq l-aċċess ta' fejn is-siġra tal-*ficus* għax din mhix sikura kemm għal min juża Triq il-Ferrovija l-Qadima u kemm għal min joħroġ minnha. Pero' resident li jagħmel użu minnha qed jitlob li dik il-parti tibqa' aċċessibbli, għax inkella jkollu dħul u ħruġ mill-garaxx ostakolat.

62.9.2.3 Il-Kunsill iddiskuta din il-kwistjoni u ġie deċiż li, jekk din il-parti li bħalissa tintuża bħala punt ta' aċċess minn Triq il-Ferrovija Qadima għall-bankina u viċi-versa, qiegħda skont ir-regolamenti tal-immaniġġjar tat-traffiku u ma tikser l-ebda liġi jew regolament, kemm jekk relatata mat-traffiku u/jew mod ieħor, allura l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni biex iżommha. Madankollu, jekk dan l-aċċess joħloq kwalunkwe tip ta' periklu, jew jekk

hemm nuqqas ta' viżibilita' meta l-vetturi jidħlu jew joħorġu, jew jekk tali aċċess jikser xi liġi jew regolament kif intqal qabel, allura l-Kunsill mhux ser tassumi l-ebda forma ta' responsabilita' u għalhekk, jekk l-Awtoritajiet relattivi jiddeċiedu li jagħlquha, l-Kunsill jirrispetta d-deċiżjoni.

62.9.2.4 Dwar il-proġett ta' *embellishment* tal-bankina ta' fejn is-siġra tal-*ficus,* is-Sindku qal li ltaqgħa mal-perit inkarigat mill-proġett ta' *re-surfacing* ta' Triq il-Ferrovija l-Qadima. Il-perit infurmah lix-xogħlijiet relatati mal-*embellishment* tal-bankina ma jistgħux isiru mill-kuntrattur li qed jagħmel it-triq peress li ma kienux inklużi fit-*tender.* Dawn ix-xogħlijiet iridu jsiru minn kuntrattur imqabbad mill-Kunsill. L-ispiża kollha ta' dan il-proġett (sa madwar €20,000) se tiġi *refunded* lill-Kunsill minn IM.

62.9.2.5 Il-kuntrattur ta' IM se jlestu l-bankina bil-ħwat għas-siġar u ser tingħata saff konkos, biex wara jkun jista' jitqiegħed il-*paving blocks.* Kif kien maqbul mill-Kunsill, ser jitpoġġew ukoll xi bankijiet u xi lanterni dekorattivi. Għalissa ser jinġiebu kwotazzjonijiet għax-xiri ta' *paving blocks* u għat-tqegħid tagħhom.

62.9.2.6 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li, resident li joqgħod f'dik il-parti huwa kontra dan l-*embellishment* għax skond hu, se jibda jkun hemm abbuż ta' droga, xorb u serq. Ir-resident qallu li jekk il-Kunsill ser jagħmel il-bankijiet, hu ser ikissirhom. Dan l-atteġġament ta' ċertu nies huwa inaċċettabbli, għax dan il-proġett ser isir fuq art pubblika u li ser jitgawda minn kullħadd. F'dan ir-rigward, il-Kunsill unanimament approva li jibqa' għaddej b'dan il-proġett.

## 62.10 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

62.10.1 <u>Ħarġa għall-Anzjani</u>
Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' infurma lill-Kunsill li l-ħarġa li jmiss se ssir fl-14 ta' Mejju 2019 u se jmorru *Harbour Cruise*. Din ser tkun l-aħħar ħarġa għal din il-Leġislatura. Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' qal li peress lir-residenti wrew interess kbir għal din il-ħarġa, apparti l-*coach* li ser tkun offruta mill-kumpanija tal-*Harbour Cruise,* u li hija inkluża fil-prezz tal-biljetti, jaf ikun hemm il-ħtieġa li tinkera *minibus* ukoll. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.

62.10.2.1 <u>*WaterPoint vending machine*</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill li, flimkien mas-SE, iltaqgħu ma' rappreżentant tal-kumpanija *WaterPoint*. Dawn jinstallaw *vending machines* li jbigħu ilma għax-xorb. Din is-sistema taħdem billi timla' l-fliexken li tieħu miegħek u b'hekk ikun qed jonqos il-konsum tal-plastik. Is-Sindku qal li l-kumpanija tinstalla din il-magna mingħajr ħlas u tieħu ħsieb il-manutenzjoni kollha, inkluż tibdil ta' *filters* għas-spejjeż tagħhom. Il-Kunsill ikun irid jipprovdi s-servizz tad-dawl u l-ilma biex tkun tista' taħdem din il-magna.

62.10.2.2 Is-Sindku qed jissuġġerixxi li tiġi installata magna faċċata tal-uffiċċju tal-Kunsill, fejn il-bandli, hekk tkun tista' tiġi kkonnektjata mal-*meter* tad-dawl u l-ilma tal-latrina. Il-Kunsill unanimament approva li tiġi installata magna tal-*WaterPoint*.

62.10.3.1 <u>Arbli ġodda</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill li avviċinawh miċ-Ċentru Żgħażagħ fejn qed jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill biex jinxtraw arbli għall-festa. Is-Sindku qal ukoll li qed jistħarrġu dwar il-possibilta' li jixtru dwal tal-Milied. Is-SE infurmat li, il-Kunsill ma jistax jagħti donazzjonijiet.

62.10.3.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill jonfoq madwar €1,100 biex jintrama dawl dekorattiv fi żmien il-Milied u għalhekk qed jipproponi li minflok din is-sena jinxtraw 16 –il arblu (€75 –il wieħed).

62.10.3.3 Il-Kunsill unanimament approva li jixtri dawn l-arbli bil-kundizzjoni li jkunu proprjeta' tal-Kunsill, jridu jintramaw bid-dwal minn tal-inqas darbtejn fis-sena (fil-Milied u fil-festa) u jiġu miżmuma fil-maħżen tagħhom peress li l-Kunsill m'għandux fejn jaħżinhom.

62.10.4 <u>*Planter* fi Triq Valent Muscat</u>
Il-Viċi Sindku infurma lill-Kunsill li residenti qed jilmentaw li l-*planter* li hemm fi Triq Valent Muscat qed tintuża biex jintrema ħmieġ tal-klieb fiha u għalhekk qed jitolbu li titneħħa u jsir *lockable bollard* minflok. Il-Kunsill approva.

62.10.5.1 <u>Tabella fi Triq it-Tliet Knejjes k/m Triq Mons F X Zahra</u>
Il-Viċi Sindku infurma lill-Kunsill li residenta qed titlob li tersaq ftit it-tabella temporanja li twaħħlet fi Triq it-Tliet Knejjes k/m Triq Mons F X Zahra. Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-ħaddiema marru fuq il-post u raw li jekk

tersaq it-tabella jiġi ostakolat l-aċċess tal-garaxx li hemm fil-kantuniera.

62.10.5.2 Il-Viċi Sindku qal li hemm fejn tersaq ftit ċentimenti mingħajr ma jiġi ostakolat l-aċċess tal-garaxx. Il-Kunsill qabel li tersaq ftit mingħajr ma jiġi ostakolat il-garaxx.

62.10.6.1 *Alighting/Boarding Bay* quddiem iċ-*Childcare Centre* fi Vjal Sir M A Refalo
Il-Viċi Sindku talab li ssir *Alighting/Boarding Bay* quddiem iċ-*Childcare Centre* fi Vjal Sir M A Refalo biex il-*parents* ikollhom fejn jiefqu biex iniżżlu t-tfal fil-ħinijiet tal-iskola.

62.10.6.2 Il-Kunsill qabel li l-ħinijiet riservati għandhom ikunu biss fil-ħin tad-dħul u l-ħruġ tal-iskola. Il-Viċi Sindku se jiċċekja eżatt il-ħinijiet biex napplikaw għal permess ma' TM.

**F'dan il-ħin (5.35pm) il-Viċi Sindku Andre' Grech talab li jiġi skużat mil-laqgħa.**

62.10.7.1 Ċirkulari AKL 2019/012 – Ħatra ta' DPO Temporanju
Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2019/010 – Ħatra ta' DPO Temporanju mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, fejn qed jinfurmaw lill-Kunsilli li l-ħatra tas-Sur Ian Magro bħala DPO ta' diversi Kunsilli ser tkun sal-aħħar ta' Mejju u l-Kunsilli jridu jaħtru DPO ieħor. Is-SE qalet li bil-liġi tal-GDPR il-Kunsill huwa obbligat li jkollu DPO, u għalhekk kienet talbet lill-*BOOM Consultancy & Advisory Services*, *KPMG*, *PWC Academy Malta* u *CSB Group* għal kwotazzjoni.

62.10.7.2 Minn dawn il-kumpaniji, tnejn bagħtu kwotazzjoni, waħda infurmatna li ma joffrux dan is-servizz, u l-kumpanija l-oħra ma rrispondietx. F'dan ir-rigward, il-Kunsill unanimament approva l-irħas kwotazzjoni tas-Sur Adrian Mifsud, f'isem *BOOM Consultancy & Advisory Services* għas-servizz ta' DPO għal perjodu ta' sena.

62.10.8.1 Ilment fuq il-*One-Way System* ta' Triq Ġuże' Bonniċi u t-toroq tal-madwar
Resident qed jerġa' jilmenta fuq il-*One-Way System* li kienet saret madwar sena ilu fi Triq Ġuże' Bonniċi u t-toroq tal-madwar. Ir-resident qed jgħid li b'din is-sistema, żdied it-traffiku u għalhekk qed ibatu minħabba żieda fit-tniġġis tal-arja. Peress li din is-sistema tidher li ser tibqa' permanenti, ir-resident qed jitlob li tal-inqas jiġi installati *traffic calming measures* bħal *road humps,* f'dawn it-toroq. Qed jitlob ukoll li jsiru *zebra crossings* bil-*pelican lights* biex ikun aktar sikur għan-nies li jaqsmu t-triq.

62.10.8.2 Il-Kunsill iddiskuta u ma jsibx oġġezzjoni li jsiru *sleeping policemen*. Pero' qabel ma l-Kunsill japplika għal permess ma' TM, ir-resident irid iġib approvazzjoni tar-residenti tal-madwar li jaċċettaw li ssir *sleeping policeman* quddiemhom. It-talba biex isiru *zebra crossings* bil-*pelican lights* ma ġietx approvata għax jinħoloq konġestjoni tat-traffiku u jintilef il-*parking*.

62.10.9.1 Talba biex tinbidel bozza fi Triq Idmejda u ssir lanterna
Resident li qed jirrestawra l-faċċata tad-dar tiegħu fi Triq Idmejda qed jitlob li tinbidel il-bozza li hemm imwaħħla u ssir lanterna minflok għax il-bozza preżenti tinsab fi stat ħażin, bis-sadid u mhux fl-istil tal-binja. Is-SE infurmat lill-Kunsill li dawn it-tip ta' lanterni jiswew madwar €1,100.

62.10.9.2 Il-Kunsill approva din it-talba bil-kundizzjoni li l-lanterna trid issir bħal ma' diġa' hemm fil-qalba tar-raħal u għas-spejjeż tar-resident. Il-Kunsill irrimarka li l-bozoz fil-qalba tar-raħal kienu nbidlu fil-passat bħala proġett b'fondi tal-UIF u mhux mill-fondi tal-Kunsill.

62.10.10.1 Tisbiħ tar-*roundabout* ta' Triq l-Għerusija
Resident qed jissuġġerixxi li jsir tisbiħ tar-*roundabout* ta' Triq l-Għerusija skond id-disinn anness (DOK 1).

62.10.10.2 Il-Kunsill ħa nota ta' din il-proposta u tiġi kkunsidrata fil-Leġislatura li jmiss, pero' jekk din tiġi implimentata, mhux ser jaqla' l-ebda siġra għax kif qed jiġi indikat fid-disinn, jidher li hemm bżonn li jinqalgħu xi siġar. Il-Kunsill qal li minflok il-*hedge,* kieku jagħmel dawramejt ħadid bi grada żgħir biex ġewwa tagħha jibqa' aċċessibbli u j*itħawwlu* xi pjanti.

62.10.11.1 Ċirkulari AKL 2019/038 – *Malta Pride Initiative* 2019
Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2019/038 – *Malta Pride Initiative* 2019 mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

62.10.11.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jieħu sehem f'din l-inizjattiva. Ser tiġi ordnata *Pride Flag* biex tittella' fuq l-arblu ta' quddiem il-Kunsill bejn is-6 u l-15 ta' Settembru. Il-Kunsillier Joe Galea ser jiċċekkja ma' persuna distinta, biex jara jekk hux interessat li jikteb fuljett fuq dan is-suġġett biex titqassam fil-lokalita'.

62.10.12.1 Bankijiet tal-pjazza

Is-Sindku ssuġġerixxa li l-erba' (4) bankijiet li hemm faċċata tal-HSBC fil-pjazza jinżebgħu bil-kuluri tal-emblema ta' Ħal Balzan (aħmar, abjad u aħdar).

62.10.12.2 Il-Kunsill unanimament approva dan is-suġġeriment.

62.10.13.1 Ktieb ta' riċerka xjentifika dwar il-vara tal-Lunzjata

Il-Parroċċa ta' Ħal Balzan ippubblikat ktieb ta' riċerka xjentifika dwar il-vara tal-Lunzjata u kull ktieb qed jinbiegħ għal prezz ta' €15. L-editur ta' dan il-ktieb qed jitlob l-għajnuna tal-Kunsill, billi jixtri numru ta' kopji ta' dawn il-kotba.

62.10.13.2 Il-Kunsill unanimament qabel li jinxtraw 20 ktieb. Wieħed biex jiżdied mal-kotba li kienu nxtraw għal meta ssir il-librerija u l-kumplament biex jinbiegħu jew jingħataw bħala tifkira f'Ġieħ Ħal Balzan.

62.10.14 *GreenPak's Local Council Awards*

Ġiet innutata *email* mibgħuta mill-GreenPak dwar il-*GreenPak's Local Council Awards*. Ġie deċiż li l-Kunsill jibgħat in-nominazzjoni għall-premju *Most Supportive Locality Award.*

62.10.15.1 Ilment fuq l-*MC Bay* li saret fuq il-bankina ta' fejn Skarpoli

Residenta qed tilmenta fuq l-*MC Bay* li saret fuq il-bankina ta' fejn Skarpoli. Is-SE qalet li l-*bollard* ma saritx għax ma ġietx approvata minn TM. Ir-residenta qed tilmenta minħabba li ntilef *parking*.

62.10.15.2 Ser terġa' tiġi ċċekkjata l-*area* biex naraw jekk toqgħodx *parking bay* minflok *MC Bay* u ssir il-*bollard* xorta biex nevitaw li jinitilef *parking*.

62.10.16.1 Ċirkulari SPI/07/2019 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Apparat għal Sistemi ta' Irrigazzjoni

Ġiet innutat Ċirkulari SPI/07/2019 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Apparat għal Sistemi ta' Irrigazzjoni mibgħuta mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy.

62.10.16.2 Il-Kunsill qabel li nġibu kwotazzjoni biex napplikaw biex isir apparat ta' irrigazzjoni fil-*playing field.*

62.10.17 Bankina fi Triq San Franġisk k/m Triq il-Ferrovija l-Qadima

Il-Viċi Sindku Andre' Grech qed jissuġġerixxi li tiġi rranġata l-bankina fi Triq San Franġisk k/m Triq il-Ferrovija l-Qadima. Il-bankina se tiġi ċċekkjata mill-ħaddiema tal-Kunsill.

62.10.18.1 Talba biex parti minn Triq Qarċilla ssir *One-Way*

Resident qed jitlob biex parti minn Triq Qarċilla (bejn Triq San Franġisk u Triq il-Kannizzata) issir *one-way* direzzjoni lejn Triq il-Kannizzata għax dik il-parti hija dejqa u ta' periklu għax il-vetturi li jkunu se jduru minn Triq il-Kannizzata ma jarawhomx ġejjin.

62.10.18.2 Il-Kunsill ħa nota ta' din it-talba u ser tiġi diskussa fil-Leġislatura li jmiss.

62.10.19.1 Talba biex jitpoġġa kjosk tal-ikel f'Wesgħa Profs Ġuże' Aquilina

Sid kjosk qed jitlob permess biex ipoġġi l-kjosk tal-ikel f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina biex ibiegħ minnu. Is-sid għandu l-permess neċessarji inkluż il-permess ta' *street hawker.*

62.10.19.2 Din it-talba ma ġietx approvata, għax apparti li din mhix konformi mal-karatteristiċi soċjo-kulturali taż-żona, din hija żona residenzjali u ser toħloq inkonvenjent kbir lir-residenti tal-akwati speċjalment fil-ħinijiet ta' kmieni filgħodu u tard filgħaxija. Apparti minn hekk, il-Kunsill għandu *policy* li jippromwovi *healthy eating.*

## 62.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

62.11.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 4/19 li tammonta għas-somma ta' €24,571.65c, li tinkludi l-ammont ta' €78.99c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Marzu 2019. Ir-rendikont tal-*Petty Cash* jinsab mehmuż mal-iskeda ta' pagamenti.

62.11.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' li kien issekondat mill-Kunsillier Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 62.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

62.12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.30pm.

62.12.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn, 27 ta' Mejju 2019 fid-9.00am.

Konfermati, illum it-Tnejn, 27 ta' Mejju 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nutar Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |


PROPOSED LANDSCAPING OF ANTONIO BOSIO
ROUND ABOUT.
N
WOODEN GATE.
LANTANA ALL AROUND.
ANTONIO BOSIO
ROUND PLANTERS.
(THEY CAN BE REMOVED DURING CHRISTMAS TIME)